MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 341/2012

**AB**
**Vs.**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi huwa zzewweg lill-intimata fis-17 ta’ Settembru 1988 (certifikat taz-zwieg anness Dok A);

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt ta separazzjoni personali ppubblikat in atti Nutar Ian Spiteri fit-13 ta’ April 2005 (kopja annessa Dok B);

Illi l-partijiet kellhom zewg ulied minn dan iz-zwieg, li huma t-tnejn maggorenni. Ir-rikorrent jiddikjara li ma hemmx arretrati ta’ manteniment dovuti minnu.

Illi ghaddew ferm aktar minn erbghin sena mid-data tas-separazzjoni legali u mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Illi qed jigi anness affidavit tar-rikorrenti; (Dokument C);

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara iz-zwieg tieghu mal-intimata Monika Maslowska bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-Ligi, u dankollu tant kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Qorti;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha ma opponietx it-talba kif dedotta;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Gunju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress

illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' April 2005;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ulied il-partijiet illum il-gurnata huma maggorenni u illi ma hemm l-ebda manteniment pagabbli u dovut lill-intimata.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------